**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI IŻ-ŻURRIEQ**

**L-GĦAXAR LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU TNEJN U GĦOXRIN**

**25 TA' FRAR, 2026**

**Il-Kunsill Lokali Iż-Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Iż- Żurrieq Fl-18:00 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, u l-Kunsilliera s-Sinjura Marisa D'amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Kyle Mifsud, s-Sur Dino Bonnici, s-Sinjorina Marylyn Sammut u s-Sur Daniel Muscat.

**SKUŻAT**

**ASSENTI**
-
**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **22.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 22.1.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsiller Jeremy Coleiro informa li ma setgħax jattendu minħabba impenji ta' xogħol. **Dok 1 mehmuż.** |
| | | |
| **22.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 22.2.1 | | Il-minuti numru 21 ġew approvati. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***22.3*** | | ***Komunikazzjoni mis-Sindku*** |
| | | |
| 22.3.1 | | Is-Sindku qalet li:<br>• Ser isir kors ta' tagħlim fiż-Żurrieq ta' kif tintuża l-AED,min jinteressah jista japplika,<br>• Biex għal waqt il-purċissjoni tad-Duluri jsiru stalls fi Triq P P Saydon mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali lejn Misraħ MAttia Preti minflok lejn Misraħ Repubblika. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Ser issir attività Buz Bee fl-iskola primarja,<br>• Barra l-qtugħ taż-żebbuġ ser jibda jinqata l-ħarrub ukoll.<br>• L-Ministru Owen Bonnici ssuġġerixxa biex isir tagħlim tal-logħba tal-boċċi biex tinżamm it-tradizzjoni. Kien hemm qbil mir-Reġjun Punent li ser jagħtu l-għajnuna tagħhom.<br>• Ir-Reġjun Punent jixtieq jorganizza aktar attivitajiet sportivi u issuġġerew li jsir sports tal-BMX<br>• Beda t-tisbieh fi Ġnien l-Emigranti Żrieraq minn Project Green.<br>• Ser isir tisbieh ukoll fi Ġnien Adrian Borg fejn ser issir parti biex tintuża għall-qari.<br><br>F'dan il-ħin il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-parti tal-ġnien ta' Ġnien l-Emigranti fejn hemm il-merry go round, l-aħjar li jitneħħa l-playing equipment għaliex xorta ma tintużax minħabba l-ħmieġ tal-għasafar li jkun hemm u b'hekk jiżdied aktar ħdura u l-ispejjeż tal-manutenzjoni jonqsu. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 22.3.2 | | Is-Sindku tkellmet fuq l-attivita tal-karnival li saret fiż-Żurrieq. Is-Sindku qalet li kellha tliet laqgħat mal-għaqdiet flimkien mas-Sur Gorg Zahra minn Festivals Malta u ġew diskussi l-loġistika tal-karnival. Qatt ma ġiet imsemmija t-tema tal-karrijiet, għax it-tema taqgħa taħt il-kappa tas-soċjeta u m'għandux jidħol il-Kunsill fiha. Is-Sindku qalet li hi marret tkellem liż-żgħażagħ waqt li kienu qed jaħdmu u tagħthom xi ikel u xorb u ferħitilhom u ma rat xejn mill-karrijiet. Ma soċjetà minnhom ħadet ritratt maż-żgħażagħ ma' ġemb il-karru u ma' soċjetà oħra ħadet ritratt minn quddiem tal-karru maż-żgħażagħ b'nofs is-shutter tal-maħżen magħluq.<br>Hi imxiet fuq il-binarju li mxiet fuqhu fis-sena li għaddiet. Żieded tgħid li jekk jerġa jsir il-Karnival is-sena d-dieħla, ser ikun hemm regolamenti ċari u bil-miktub.<br><br>Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li l-Kunsill tahom ir-riħ u għas-sena d-dieħla għandu jkun hemm regolamenti ċari.<br>Il-Kunsillier Daniel Muscat qal li l-arti hi suġġettiva ħafna.<br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li meta soċjetà għamlet messaġġ u soċjetà oħra m'għamlitx, jinħoloq żbilanġ. Il-Kusnill forsi setgħa jkollu informazzjoni li dawn setgħu jagħmlu dak li għamlu. Hu qal li tajjeb li jsiru regolamenti għax mas-soċjetajiet trid timxi bil-pinna u l-klamar. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Is-Sindku qalet li ċ-Chairman ta' Festival Malta ġie mitkellem u għas-sena d-dieħla ser jinħolqu regolamenti ċari. Ta' Fesivals Malta qalu li fiż-Żurrieq l-aktar Karnival li irnexxa u kien hemm nies, ħasra li kellu jitwaqqaf biex ma jsirux argumenti.<br><br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li jekk mhux ser ikun hemm regolamenti, fis-sena li ġejja ma tridx tkun involvuta fil-karnival li ġej. Hi żieded tgħid li anke id-diski hemm bżonn li l-Kunsill ikun jaf xi jkunu ser jindaqqu. Hi qalet li ż-Żrieraq wrew kemm huma injuranti f'dawn l-affarijiet.<br><br>Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li hu ma kellu x'jaqsam xejn mal-karnival ta' din is-sena. |
| | | |
| 22.2.3 | | Is-Sindku qalet li hemm fondi mid-DLG għal attività oħra biex issir Minn Pjazza għal Pjazza. Issuġġeriet li l-Kunsill jitkellem mas-Soċjetajiet tar-raħal biex jorganizzaw attività li tinkudi ukoll l-inklużjoni. Il-Kunsill ser jibgħat stedina lil min irid jipparteċipa u ninfurmaw li din l-applikazzjoni tagħlaq 28ta' Marzu. Din ser tkun fuq ġurnata waħda.<br><br>Il-Kunsillier Marisa D'Amato ssuġġeriet biex issir attività fejn dari iż-Żurrieq kien bla dawl u kien jinxtel b'dawl alternattiv. |
| | | |
| ***22.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 22.4.1 | | Il-Kunsillier Daniel Muscat qal li kellmuh residenti minn Triq is-Sindku għaliex m'hemmx bankina u meta jipparkjaw il-vetturi, jimblukkaw l-aċċess tar-residenti Kien hemm qbil li ssir bankina uwsa. |
| | | |
| 22.4.2 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li:<br>• l-Open day tal-Cat Cafe, ġiet ipposponuta għaliex kellhom ħafna ħsara bil-maltemp.<br>• Ser ikollha laqgħa mal-kuntrattur biex jitranġa xi xogħol li diġa għamel fil-Cat Cafe.<br>• Kunsill ieħor waqt l-attivitajiet tagħhom jinvolvu lill-Bliet li huma ġemellati magħhom. Hi ssuġġeriet li meta ssir attivita tal-kunsill jiġu involuti r-residenti ta' Pedara. Issuġġeriet li jiġu involuti fl-attivita ta' Minn Pjazza għall-Pjazza. Is-Sindku issuġġeriet ukoll li jiġu mistiedna il-Kunsill tax-Xagħra Għawdex. Ġie ssuġġeriet li issir premura li dawk ġemellati maż-Żurrieq, jġibu prodotti tipiċi tal-lokal tagħhom.<br>• Il-Kalendarju ta' 2027 jkun iddedikat għall-festi tar-raħal. Ma kienx hemm qbil.<br>• Il-punt li d-drenaġġ ta' Wied iż-Żurrieq tqabbad maż-Żurrieq i dan ifisser li dan jagħmel maż-Żurrieq. Dan il-punt il-Kunsill jista jibda jaħdem fuqu u jerġa jibda |

| | | |
|---|---|---|
| | | bil-proċeduri biex jiġi jagħmel mal-konfini taż-Żurrieq. Ġaladarba inbidlet l-arma taż-Żurrieq, jista jinbidel dan ukoll. Kien hemm qbil li din tkun item fuq l-aġenda. |
| | | |
| 22.4.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia :<br>• hemm bżonn patching. Kien hemm qbil li issir l-manutenzjoni meħtieġa.<br>• Fi Triq Filippu Farrugia hemm wesgħa bil-garaxxijiet jsiru *double yellow lines*. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 22.4.4 | | Il-Kunsillier Marylyn Sammut saqsiet għal update fuq il-qtates li ġew nieqsa minn Ġnien il-Ġibjun. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ġaladarba saru rapport lill-pulizija fuq il-każ, il-pulizija għandhom jagħtu update ta' dak li jkunu irrappurtat.<br><br>Il-Kunsillier Marylyn Sammut qalet li:<br>• fi Vjal l-Indipendenza iridu sleeping policemen u fil-Kunsill waslet anke petizzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li inġabret petizzjoni imma quddiem fejn iridu li ssir is-sleeping policeman ma iffirmawx għaliha u ma jriduhix.<br>• Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li hemm bżonn li jkun hemm xi tip ta' dawl biex jurik li qed issuq aktar milli tista. Kien hemm qbil li jiġi mistħarreġ min jagħmel tali dawl.<br>• Hemm bżonn li ssir *notice board* f'Bubaqra. Is-Sindku qalet li diġa hemm fejn il-knisja.<br>• Project green qed jagħmlu l-*bus shelters* u fiż-Żurrieq jeħtieġ li jsiru ukoll. Is-Sindku qalet li għandha laqgħa mal-Faces li jagħmlu l-*bus shelters* u tipproponi dan is-suġġett. |
| | | |
| 22.4.5 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li:<br>• Is-sotto kumitat fi ħdan iż-Żurrieq FC ser jorganizzaw attivitajiet ta' sports għall-kulħadd biex jinkludi tfal b'xi forma ta' diżabilità. Il-proġett sab ħafna sostenn. Is-sezzjonijiet ser isiru fil-grawnd ta' Triq P P Pullicino, f'Settembru, u ser ikun hemm konkorrenza tajba. Jixtieq li l-Kunsill jinvolvi ruħu f'attivita bħal din. Issuġġerixxa li tkun item fl-aġenda li jmiss.<br><br>• Fi Triq il-Kbira saret cctv imma jħoss li dan l-aħħar iċ-ċitazzjonijiet fiż-Żurrieq żdiedu u għalhekk jaqbel li din il-camera ssir biex jiġu mwissija biss b'ittra mill-Kunsill u jiġi infurmat il-kuntrattur tal-iskart biex jiġbor l-iskart bieb bieb. Kien hemm qbil fuq dan. Jekk l-abbuż jitkompla, il-Kunsill jieħu l-passi.<br><br>• Il-Kunsill għandu jitkellem mal-perit/konsulent tal-Kunsill fuq il-permessi tal-PA biex joġġezzjona f'isem il-Kunsill, għall-applikazzjoni PA/1042/26 għal żvilupp ta' |

| | | |
|---|---|---|
| | | art fiż-żona ta' bejn Bubaqra u in-Nigret. Hu qal li l-Ministru Zrinzo Azzopardi qal li hu ma kienx awtorizza dan.<br>Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li jekk hemm bżonn nitkellmu mal-għaqda residenti Żrieraq għal kull għajnuna. Kien hemm qbil fuq dan kollu. |
| | | |
| 22.4.6 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li:<br>• Toroq qed isiru u wara ftit xhur terġa tinkiser biex isir xi servizz ieħor. Fi Vjal il-Blue Grotto hemm 9 trinek mgħottija bil-konkos minflok tarmak. Din tkun għadha bil-garanzija u terġa tinkiser. Fi Triq l-Imqabba hemm tappiera li għadha kemm saret u issa tinsab 'l fuq mit-triq. Kien hemm qbil li tintbagħat email lill-IM biex jagħtuna żmien ta' meta ser jitlesta ix-xogħol fi Vjal il-Blue Grotto.<br>• Tal-linja qed iħalluhom startjati waqt li jistennew f'Misraħ Mattia Preti. Kien hemm qbil li terġa tintbagħat twissija oħra.<br>• Biex Triq il-Kunċizzjoni issir sorveljanza mill-pulizija, waqt il-ħinijiet tal-mużew għax ikun hemm periklu. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***22.5*** | | ***Bankina fi Triq il-Kbira k/m Triq San Gwann*** |
| | | |
| 22.5.1 | | B'referenza għall-korrispondenza li kellu l-Kunsill ma' TM biex ireġġa lura l-istat tat-triq il-Kbira għal li kienet qabel sar it-tħaffir għal bankina (fi Triq il-kbira k/m Triq San Gwann) mingħajr il-permess tal-Kunsill, TM infurmaw lill-Kunsill li TM ħarġu deċiżjoni li l-Kunsill trid timxi fuqha. Kull konsegwenza li tinħoloq jekk ma jsirx dak mitlub minn TM ikun responsabbli għaliha l-Kunsill Lokali.<br>Fil-Kunsill Lokali kien hemm qbil li TM m'għandix tindirizza lill-Kunsill bil-mod kif inkiteb fl-ittra. Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li Sindki oħra ta' lokalitajiet oħra f'sitwazzjonijiet simili, jieħdu azzjoni u anke jiktbu fil-media. Kien hemm qbil li s-Sindku titkellem mal-Ministru kkonċernat. |
| | | |
| ***22.6*** | | ***Vouchers għall-bandisti tal-Orkestra Żurrieq*** |
| | | |
| 22.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kellha suġġeriment li lill-bandisti tal-Orkestra jingħatalhom *voucher* ta' 50E kull wieħed bħala ringrazzjament/ħlas tas-servizz tagħhom fil-kunċert li sar f'San Vinċenz. Globalment dan ser ikun jammonta għal 3,750E.<br>Sadanittant l-orkestra għandha problema fejn ser tagħmel ir-reharsals tagħha għall-kunċert 'Nighties gold' fit-Teatru Irjal fil-Belt Valletta.<br><br>Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal li dawn lanqas biss jikkoperaw f'attivitjiet tal-Kunsill. Is-Sindku qablet li f'attivitajiet tal-kunsill ma jiġux meta jiġu mistiedna fl-attivitajiet. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kunsillier Dino Bonnici jaqbel li jingħataw 40e biex il-kumplament jinkera post fejn isiru r-reharsals. Il-Kunsilliera Marisa D'Amato ssuġġeriet li l-Kunsill jikteb lill-Kap tal-Kulleġġ biex jagħti post alternattiv minħabba li huma ħolqu din il-problema u l-Kunsill kien ħallas għas-sala li kien qed juża. Kien hemm qbil fuq dan u li jingħataw *vouchers* ta' 40e kull wieħed. |
| | | |
| ***22.7*** | | ***Proġett fi Triq Gervase Matthew / MOU proġett fi Triq Il-Passju*** |
| | | |
| 22.7.1 | | Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Onorevoli Ministru Julia Farrugia u mal-Perit tal-proġett ta' Triq Gervase Matthew. Il-Ministru Farrugia nfurmat li l-ministeru tagħha jkun jista jagħti l-għajnuna tiegħu, ġaladarba fis-sit ikun hemm post għall-inklussivita.<br><br>F'dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li hi flimkien mas-Sindku tkellmu ma' avukat fuq dak li l-Kunsill kien ġie imwiegħed li jieħu minn Tum Invest fir-rigward ta' sit kbir li ser jinbena fl-akwata ta' Triq il-Passju. L-avukat tagħna suġġeriment li dak li TM Invest kienet ser toffri lill-Kunsill (b'kuntratt) jingħata fi tħaffir/bini/servizz fis-sit li l-Kunsill ħa b'devoluzzjoni fi Triq Gervase Matthew. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li jekk ikun hemm qbil fuq dan, terġa titkellem man-nutar li magħha sar il-kuntratt biex jinbidel għal ftehim il-ġdid.<br>Kien hemm qbil fuq. |
| | | |
| ***22.8*** | | ***Financial Statements 2025 – Annual Audit Report sena 2025*** |
| | | |
| 22.8.1 | | Tressqu l-financial statements audit report 2025 li ħejjiet l-accountant tal-kunsill, biex jiġu approvati. Dawn ġew approvati biex jintbagħtu. |
| | | |
| ***22.7*** | | ***Items oħra ta' xogħlijiet tal-Kunsill li jkunu meħtieġa.*** |
| | | |
| ***22.8*** | | ***Approvazzjonijiet : Xogħlijiet u Servizzi.*** |
| | | |
| 22.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet:<br>• Talba biex terġa ssir wirja tal-vari tal-Gimgħa l-Kbira fil-Mitħna tax-Xarolla. Dati 25 ta' Marzu sat-3 ta' April.<br>• Fil-kunsill daħlu erba' rapporti ta' ħsarat f'ħofor li kienet hemm fit-toroq. Tnejn fi Vjal l-Indipendenza, oħra fi Triq San Martin k/m Triq Sant Agatha u oħra fi Triq Santa Marija (fi Triq Santa Marija ma kienx hemm ħofor). Dawn ġabu rapport tal-pulizija, imma l-pulizija ma issejjaħx fuq il-post waqt l-inċident. Tlieta minnhom ippreżentaw id-dokumenti kollha neċessarji u wieħed mill-ilmenti barra li ma ġabx ir-rapport tal-pulizija, darba qal li l-inċident seħħ fi Triq Sant Agatha u darb oħra l-istess każ qal li seħħ fi Triq Santa Marija. Kien hemm qbil li liż-żewġ każijiet li kellhom id-dokumenti meħtieġa jiġu mħalsa, filwaqt li dawk li ma kellhomx, ma jkunux. Dok1a, Dok 1 u Dok 2. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Żewġ sidien ta' garaxxijiet fi Triq Bronja qed joġġezzjonaw mal-Kunsill talli installa arblu b'żewġ mirja faċċata tal-entratura tal-garaxxijiet tagħhom u wara ftit jiem neħħihom. Huma qed jissuġġerixxu li jekk ma jerġgħux isiru, il-Kunsill għandu jagħmel miżura oħra biex ma jkollhomx periklu waqt li joħorġu u jidħlu fil-propjeta tagħhom. Din ma setgħetx telgħet fis-seduta għaliex m'għaddewx biżżejjed żmien. Kien hemm qbil li jiġu kkuntatjati TM u jintalbu jgħatu l-veduti tagħhom għat-traffiku eċċessiv li hemm fi Triq Bronja.<br>• Residenti minn Triq San Bartilmew iridu bollards faċċata tal-garaxx tagħhom, filwaqt li familja oħra trid li jerġa jkollha kaxxa safra quddiem ir-residenza tagħha biex ikollha aċċess għad-dar. Kien hemm qbil li jsir parkeġġ ieħor ta' mutur u bejniethom isiru bollards.<br>• Hemm talba biex terġa issir it-tiġrija taż-żwiemel, fi Triq il-Belt Valletta. Kien hemm qbil li l-Kunsill jara kemm kienu l-ispejjeż tal-attivita preċedenti u din terġa tiġi mitkellma f'seduta oħra. |
| | | |
| 22.8.2 | | Inġabu stimi mingħand il-kuntratturi tad-dawl (Nexos) u dak tal-manutenzjoni u proġetti ta' ġonna (Silvar Constructions) fuq arbli bid-dawl dekorattiv u installazzjoni tagħhom, għal Triq Dun Guzepp Zammit.<br>Nexos – 10,300E inkluż VAT u installazzjoni<br>Silvar Construction 6,400E inkluż Vat u installazzjoni.<br>Almat Excavation 9,500 Vat mhux inkluża<br>Kien hemm qbil li x-xogħol jinxara mingħand Silvar Construction, minħabba li l-prodott tiegħu hu l-orħos. |
| | | |
| 22.8.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk il-Kunsill iridx li tinħareġ it-tender ta' Misraħ Repubblika, sabiex ikun jista jibda l-proġett wara l-festi tar-raħal.<br>Qabel seduta oħra għandu jiġi mistieden il-Perit u wara diskussjoni, tinħareġ it-tender. |
| | | |
| ***22.9*** | | ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tar-Reġjun Punent.*** |
| | | |
| 22.9.1 | | Tressqu l-minuti tar-Reġjun Punent numru 56. |
| | | |
| ***22.10*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 22.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 4** għall-ammont totali ta' € 163,133.61 . |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill qed jonfoq wisq f'bankini ġodda/manutenzjoni, meta l-PW jistgħu jagħmlu l-istess xogħol huma, bla spejjeż għall-Kunsill. Hu jħoss li dan ix-xogħol mhux ta' prijorità għall-Kunsill.<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Kyle Mifsud u Daniel Muscat. |
| | | |
| ***22.11*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS u TAL-LAQGĦA ANNWALI*** |
| | | |
| 22.11.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-21:00. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar il-Erbgħa ta' 25 Marzu, 2026 fis-6:00 ta' filgħaxija. Fil-5:30 ta' filgħaxija ser tinżamm il-laqgħa mal-Perit William Lewis fuq Misraħ Repubblika. |

Konfermati, illum ___ ta' Marzu, 2026

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**